

Brussell, 1 ta' Lulju 2026
(OR. en, de, es, it, pt)

10669/26
PV CONS 40
AG 102
PARLNAT

ABBOZZ TA' MINUTI
KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA
(Affarijiet Ġenerali)
16 ta' Ġunju 2026

1. Adozzjoni tal-aġenda

Il-Kunsill adotta l-aġenda kif tinsab fid-dokument 9939/1/26 REV 1.

2. Approvazzjoni tal-punti "A"

a) Lista mhux leġislattiva

9940/1/26 REV 1

Il-Kunsill adotta l-punti "A" kollha elenkati fid-dokument ta' hawn fuq, inkluż id-dokumenti lingwistiċi COR u REV kollha ppreżentati għall-adozzjoni.

b) Lista leġislattiva (Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

9942/26

Affarijiet Ekonomiċi u Finanzjarji

1. Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2026: surplus 2025



9917/26

Adozzjoni

9916/26 + ADD 1

Approvazzjoni ta' ittra

REV 2

approvat mill-Coreper, Parti 2, fl-10.06.2026

FIN

Il-Kunsill adotta l-pożizzjoni tal-Kunsill u approva l-ittra. Il-punt ġie indirizzat f'seduta pubblika.

Dikjarazzjoni mill-Kunsill dwar dan il-punt tinsab fl-Anness.

Deliberazzjonijiet leġislattivi

(Deliberazzjoni pubblika f'konformità mal-Artikolu 16(8) tat-Trattat dwar l-Unjoni Ewropea)

3. Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034:



10058/26

kaxxa ta' negozjar

Dibattitu ta' orjentazzjoni

Il-Kunsill kellu dibattitu ta' orjentazzjoni.

4. Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034



- a) **Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 ("Regolament PSNR")**

9807/1/26 REV 1 +
ADD 1-3
9808/26 + COR 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034.

Iċ-Ċekja, l-Italja, il-Litwanja, Malta, is-Slovakkja, Spanja, l-Ungerija u l-Iżvezja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, u l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja kif ukoll l-Ungerija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija ppreżentaw dikjarazzjonijiet konġunti, kif jinsabu fl-Anness.

- b) **Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), inkluż programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża**

² 10489/26 + ADD 1
REV 1 + ADD 2
10491/26 + COR 1

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), inkluż programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża.

L-Awstrija u s-Slovakkja ppreżentaw dikjarazzjonijiet u l-Estonja, il-Latvja, il-Litwanja u l-Polonja kif ukoll il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovenja ppreżentaw dikjarazzjonijiet konġunti, kif jinsabu fl-Anness.

- c) **Regolament li jistabbilixxi l-Ewropa Globali**
Approċċ ġenerali parzjali

10432/26 + ADD 1
10442/26

Il-Kunsill laħaq approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Ewropa Globali.

Il-Bulgarija, il-Portugall u Spanja ppreżentaw dikjarazzjonijiet, kif jinsabu fl-Anness.

5. Pakketti leġiżlattivi ta' simplifikazzjoni Omnibus *Rapport ta' progress*



9834/1/26 REV 1

Il-Kunsill ħa nota tar-rapport ta' progress.

6. Affarijiet oħra

Xejn.

Attivitajiet mhux leġislattivi

7. Thejġija tal-Kunsill Ewropew tat-18 u d-19 ta' Ġunju 2026 
- a) Konklużjonijiet 7875/26
Skambju ta' fehmiet
- b) Dikjarazzjoni konġunta dwar il-prijoritajiet leġislattivi tal-UE għall-2026 u Pjan Direzzjonali Ewropa Waħda, Suq Wieħed 10395/26
Sitwazzjoni attwali
8. Semestru Ewropew 2026: nota orizzontali dwar ir-rakkomandazzjonijiet integrati speċifiċi għall-pajjiżi 9613/26
Approvazzjoni
Trażmissjoni lill-Kunsill Ewropew
9. **Programm ta' 18-il xahar tal-Kunsill (1 ta' Lulju 2026-31 ta' Diċembru 2027)**  10392/26
Approvazzjoni
- Il-Kunsill approva l-programm ta' tmintax-il xahar tal-Kunsill għall-perjodu mill-1 ta' Lulju 2026 sal-31 ta' Diċembru 2027.
10. Il-valuri tal-Unjoni fl-Ungerija/Artikolu 7(1) TUE, proposta motivata 12266/1/18 REV 1
+ REV 1 COR 1
Sitwazzjoni attwali
11. Affarijiet oħra
- a) Tkabbir 10558/26
Informazzjoni minn Franza u l-Ġermanja

-
-  L-ewwel qari
-  Proċedura leġislattiva speċjali
-  Dibattitu pubbliku (Artikolu 8(3) tar-Regoli ta' Proċedura tal-Kunsill)
-  Punt ristrett
-  Punt ibbażat fuq proposta tal-Kummissjoni
-

Dikjarazzjonijiet għall-punti "A" leġiżlattivi li jinsabu fid-dokument 9942/26

Dwar il-punt "A" Pożizzjoni tal-Kunsill dwar l-ABE Nru 1/2026: surplus 2025
nru 1: *Adozzjoni*
Approvazzjoni ta' ittra

DIKJARAZZJONI TAL-KUNSILL

"Il-Kunsill jinnota li, fil-preżentazzjoni tagħha tal-kalkolu tal-finanzjament tal-baġit [skont il-kategorija tar-riżorsi proprji u skont l-Istat Membru], il-Kummissjoni naqqset il-livell ta' dettall u trasparenza billi ħalliet barra l-kalkolu ta' "kontribuzzjoni nazzjonali".

Id-diskontinwità tal-informazzjoni dwar it-trasferimenti kurrenti totali mħallsa mill-gvern ġenerali ta' kull Stat Membru lill-istituzzjonijiet tal-Unjoni Ewropea - ċifri li huma soġġetti għal aġġustamenti regolari minħabba l-bażi tagħhom fl-aggregati statistiċi - jikkostitwixxi ksur tal-istandards tar-rapportar finanzjarju tal-UE stabbiliti mill-inqas mis-sena finanzjarja 2007, u jneħħi wkoll punt ta' referenza standardizzat għall-partijiet ikkonċernati, u b'hekk jillimita l-possibbiltà li titwettag analiżi infurmata tajjeb tal-kontribuzzjonijiet magħmula lill-baġit tal-UE.

Il-Kunsill jistieden lill-Kummissjoni tintroduċi mill-ġdid kalkolu ta' "kontribuzzjoni nazzjonali" f'abbozzi ta' baġits futuri u f'abbozzi ta' baġits emendatorji.

L-adozzjoni ta' din il-pożizzjoni dwar l-abbozz ta' baġit emendatorju Nru 1/2026 hija mingħajr preġudizzju għal deliberazzjonijiet leġiżlattivi futuri jew li għaddejjin li jistgħu jiġu affettwati mill-kunċett ta' "kontribuzzjonijiet nazzjonali".

Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034

Dwar il-punt "B"

4 a):

- a) Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 ("Regolament PSNR")

Approċċ ġenerali parzjali

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA ĊEKA

"Ir-Repubblika Ċeka tqis li huwa importanti li jintlaħaq Approċċ Ġenerali Parzjali dwar il-Proposta għal Regolament dwar il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali (PSNR), sabiex ikun jista' jsir progress fl-istadji sussegwenti tan-negozjati.

Ir-Repubblika Ċeka tapprezza l-isforzi li saru mill-Presidenza u l-bidliet introdotti fit-test ta' kompromess. Fl-istess ħin, tixtieq tissottolinja li ċerti elementi tat-test ma għandhomx jiġu injorati fl-istadji li jmiss tan-negozjati.

B'mod partikolari, xi partijiet tal-PSNR, inkluż l-annessi tiegħu, huma ta' natura teknika ħafna u mhux dejjem setgħu jiġu diskussi fid-dettall. Għalhekk, ir-Repubblika Ċeka għandha fiduċja li kwalunkwe inkonsistenza li tista' tirriżulta fi stadju aktar tard — kemm matul in-negozjati kif ukoll matul it-tnejn tal-pjan — ser tiġi indirizzata kif xieraq fil-passi sussegwenti tal-proċess leġiżlattiv. Dan jikkonċerna, b'mod partikolari, kwistjonijiet li jirriżultaw minn ommissjonijiet jew minn elementi li setgħu ma tqisux bis-sħiħ matul il-fażi intensiva li twassal għall-Approċċ Ġenerali Parzjali.

Dan japplika b'mod partikolari għad-dispożizzjonijiet marbuta mal-Politika Agrikola Komuni (PAK). Id-diskussjonijiet dwar proposti leġiżlattivi settorjali għall-PAK u l-Organizzazzjoni Komuni tas-Swieq (OKS) ser ikomplu fil-Kunsill matul il-Presidenza Irlandiża li jmiss u l-pożizzjoni tal-Kunsill dwar iż-żewġ testi hija mistennija li tkompli tiżviluppa. Meta jitqies li mhux id-dispożizzjonijiet agrikoli rilevanti kollha ġew trasferiti mir-Regolament PSNR għar-Regolament dwar il-PAK u dak dwar l-OKS, huwa partikolarment importanti li jiġi enfasizzat li l-Approċċ Ġenerali Parzjali għall-PSNR ma jistax jippreġudika l-ħidma tal-Kunsill AGRIFISH u tal-korpi preparatorji tiegħu dwar dawn iż-żewġ Regolamenti. Ser ikun partikolarment meħtieġ li tiġi permessa diskussjoni futura dwar perjodu tranżitorju xieraq għall-PAK.

B'mod ġenerali, ir-Repubblika Ċeka tibqa' impenjata għal approċċ kostruttiv għan-negozjati dwar il-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) u l-proposti leġiżlattivi relatati bil-ħsieb li jintlaħaq ftehim ibbilanċjat u f'waqtu. F'dan il-kuntest u sabiex tgħin biex il-ħidma timxi 'l quddiem, ir-Repubblika Ċeka tappoġġa l-Approċċ Ġenerali Parzjali bħala parti mill-pakkett usa'."

DIKJARAZZJONI MILL-UNGERIJA

"L-Ungerija tqis li t-test ta' kompromess dwar ir-Regolament PSNR ma jirriflettix b'mod adegwat ir-riskju reali u prattiku li l-proċess ta' approvazzjoni tal-Pjanijiet SNR jista' jdewwem b'mod sinifikanti l-bidu tal-implimentazzjoni tal-fondi ppjanati taħt il-kapitoli individwali, u li t-test lanqas ma jipprevedi mekkaniżmi ta' flessibbiltà adegwati fil-livell tal-kapitoli biex jiġu indirizzati dawn ir-riskji.

B'riżultat ta' dan, it-test ma jiżgurax biżżejjed it-twertiq tal-oġġettiv stabbilit fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew, jiġifieri l-hteġa li jiġi żgurat li l-finanzjament tal-UE jilħaq lill-benefiċjarji mingħajr interruzzjoni minn Jannar 2028."

DIKJARAZZJONI MILL-ITALJA

"L-Italja tirringrazzja lill-Presidenza Ċiprijotta tal-Kunsill tal-UE għall-ħidma kbira tagħha u, fid-dawl tal-progress sinifikanti li sar matul in-negozjati, tapprova l-approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament.

B'mod partikolari, l-Italja tilqa' ż-żieda fil-viżibbiltà mogħtija lill-politika agrikola komuni u t-trasferiment ta' diversi dispożizzjonijiet ewlenin relatati mal-PAK mir-Regolament dwar il-Pjanijiet għal-leġiżlazzjoni settorjali rilevanti; it-titjib li sar fil-governanza tal-Pjanijiet sabiex tiġi żgurata aħjar il-kontinwità mal-istrutturi eżistenti; il-flessibbiltà fir-rigward tal-arkitettura istituzzjonali tal-Istati Membri; iż-żieda fil-viżibbiltà mogħtija lill-politika komuni tas-sajd, li madankollu teħtieġ aktar sforzi f'termini ta' allokazżjoni tar-riżorsi; il-progress li sar biex jiġu żgurati s-simplifikazzjoni u l-implimentazzjoni, filwaqt li tinżamm il-kontinwità mal-programmazzjoni attwali; u l-introduzzjoni ta' rati speċifiċi ta' kofinanzjament għall-fondi HOME.

L-Italja tilqa' wkoll il-kompromess milħuq dwar il-kundizzjonalità relatata mal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali. Il-qafas regolatorju rilevanti issa huwa bbażat fuq approċċ aktar koerenti u bbilanċjat, iggwidat mill-prinċipji taċ-ċertezza legali u l-proporzjonalità u bbażat fuq l-involviment xieraq tal-Istati Membri.

Dawn l-elementi jirrappreżentaw titjib sinifikanti meta mqabbla mal-proposta oriġinali tal-Kummissjoni u jirriflettu għadd ta' prijoritajiet li l-Italja appoġġat b'mod konsistenti matul in-negozjati.

Fl-istess ħin, l-Italja tixtieq ittenni r-riżervi tagħha rigward is-salvagwardji insuffiċjenti previsti għall-Politika ta' Koeżjoni, li ma jippreservawx b'mod adegwat in-natura u l-oġġettivi speċifiċi tagħha. L-Italja tenfasizza li l-Politika ta' Koeżjoni, bħala politika fundamentali minquxa fit-Trattati tal-UE, teħtieġ salvagwardji aktar b'saħħithom u riżorsi akbar biex jiġu żgurati d-dimensjoni territorjali u l-prevedibbiltà fit-tul tagħha.

L-Italja tittama li dan it-tħassib jiġi indirizzat matul il-proċess leġiżlattiv."

DIKJARAZZJONI MIL-LITWANJA

"Minkejja l-progress miksub s'issa dwar il-proposta tal-PSNR, il-prinċipju ta' "xejn mhu miftiehem sakemm kollox ikun miftiehem" għadu validu u l-Litwanja tixtieq tiġbed l-attenzjoni għal diversi kwistjonijiet pendenti importanti.

L-aħħar verżjoni tar-Regolament PSNR tqiegħed għadd sinifikanti ta' dispożizzjonijiet relatati mal-PAK fil-parentesi. B'riżultat ta' dan, is-sustanza tal-ftehim attwali għadha limitata, b'elementi importanti bħall-finanzjament, il-kontribuzzjoni ġenerali tal-UE, l-annessi ewlenin u dispożizzjonijiet essenzjali oħra effettivament differiti għal negozjati futuri. Barra minn hekk, l-approċċ ġenerali parzjali ma jistax jiġi interpretat bħala qbil mal-istruttura proposta tal-QFP.

Dan iqajjem ukoll tħassib usa' dwar l-integrità tal-PAK fi ħdan il-qafas tal-PSNR. Il-PAK ma għandhiex tiġi ttrattata biss bħala komponent wieħed ta' strument orizzontali ta' ppjanar u finanzjament. L-oġettivi speċifiċi, il-mudell ta' implimentazzjoni, is-sistema ta' kontroll u l-loġika ta' finanzjament protetta tagħha jeħtieġ li jibqgħu identifikabbli b'mod ċar u salvagwardjati legalment fi ħdan l-arkitettura ġenerali.

Barra minn hekk, diversi tħassib relatat mal-PAK għadu mhux solvut, bħall-estensjoni tal-mudell ta' implimentazzjoni bbażat fuq l-output għall-interventi ta' investiment tal-PAK, il-livell tar-rati ta' korrezzjoni finanzjarja, il-flessibbiltà għall-aġġustament tal-valuri fil-mira, it-tqegħid tal-proċessar tal-ikel barra mil-lista ta' interventi tal-PAK delimitati.

Minħabba dawn il-kwistjonijiet mhux solvuti, nibqgħu mħassba li l-elementi ewlenin tal-arkitettura u l-qafas ta' implimentazzjoni tal-PAK għadhom mhumieks salvagwardjati biżżejjed. Għalhekk, il-Litwanja temmen li dan it-tħassib għandu jiġi indirizzat b'mod adegwat fin-negozjati li ġejjin."

DIKJARAZZJONI MINN MALTA

"Malta tirrikonoxxi l-isforzi konsiderevoli mwettqa mill-Presidenza Ċiprijotta u l-progress miksub fl-avvanz tad-diskussjonijiet dwar ir-Regolament PSNR.

Madankollu, Malta tibqa' mħassba li l-qafas ta' implimentazzjoni propost ma jippreservax b'mod espliċitu għażla ta' implimentazzjoni reali ġenwina bbażata fuq il-kostijiet flimkien ma' approċċi ta' kostijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni u simplifikati.

Malta tqis li mudell ibbażat primarjament fuq il-kostijiet stmata u l-istadji importanti jista' joħloq sfidi baġitarji, ta' governanza u ta' obbligu ta' rendikont sinifikanti, b'mod partikolari fejn ir-responsabbiltà għall-implimentazzjoni u r-riskju finanzjarju tkun ikkonċentrata fil-livell ċentrali, li għandhom jiġu riflessi bir-reqqa fit-tfassil ta' qafas fit-tul.

Għalhekk, Malta ssostni li l-qafas futur għandu jippreserva għażla ġenwina bejn il-mudelli ta' implimentazzjoni, inkluż għażla reali espliċita bbażata fuq il-kostijiet flimkien ma' approċċi ta' kostijiet ibbażati fuq il-prestazzjoni u simplifikati.

Malta tqis ukoll li, minħabba li r-responsabbiltà għall-implimentazzjoni u r-riskju finanzjarju hija tal-Istat Membru, l-applikazzjoni tal-kundizzjonalitajiet skont ir-Regolament - b'mod partikolari fejn dawn jiddependu fuq rapporti, valutazzjonijiet jew strumenti simili li kapaċi jwasslu għal konsegwenzi finanzjarji jew ta' implimentazzjoni, trid tkun ibbażata fuq kriterji trasparenti, oġġettivi u verifikabbli u applikata b'mod li jiżgura ċ-ċertezza legali, il-proporzjonalità, it-trasparenza u t-trattament ugwali.

Malta tissottolinja li l-prinċipju li ma jintlaħaq qbil dwar xejn sakemm jintlaħaq qbil dwar kollox jibqa' applikabbli bis-sħiħ. Malta tirriżerva d-dritt li tirrevedi din il-kwistjoni fil-kuntest ta' negozjati futuri dwar ir-Regolament u fil-kuntest tad-diskussjonijiet usa' dwar il-QFP."

DIKJARAZZJONI MIR-REPUBBLIKA SLOVAKKA

"Filwaqt li tirrikonoxxi l-progress miksub rigward ir-Regolament PSNR, is-Slovakkja tappoġġa l-isforzi sostnuti biex jiġu stabbiliti regoli aktar sempliċi, realistiċi u fattibbli għall-perjodu ta' programmazzjoni futur li jiġibu bidla pożittiva ġenerali għar-regġuni u n-nies.

Aħna naqsmu l-oġġettiv komuni tal-Istati Membri kollha li niżguraw l-implimentazzjoni f'waqtha tal-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali. F'dan il-kuntest, is-Slovakkja diġà nediet it-tħejjijiet nazzjonali tagħha fi spirtu ta' sħubija, kooperazzjoni u involviment kostruttiv.

Minħabba l-importanza tar-Regolament PSNR, li jiġbor flimkien diversi politiki u strumenti bbażati fuq it-Trattat, is-Slovakkja tkompli tippromwovi aktar ċarezza, konsistenza u koerenza mal-leġiżlazzjonijiet settorjali u mal-qafas ta' prestazzjoni. L-iżgurar ta' ċ-ċertezza legali, il-prevedibbiltà, u regoli ċari ta' implimentazzjoni jibqgħu l-prijorità ewlenija tagħna.

Il-proposta tirrappreżenta bidla fundamentali fil-mudell tal-implimentazzjoni u għandha l-potenzjal li tikkontribwixxi għall-modernizzazzjoni tal-Politika ta' Koeżjoni. Sabiex jintlaħaq dan l-oġġettiv, huwa essenzjali li din it-trasformazzjoni twassal ukoll għal simplifikazzjoni ġenwina għall-benefiċjarji. Fir-rigward tal-qafas ta' prestazzjoni, is-Slovakkja tappoġġa approċċ orjentat lejn ir-riżultati, dment li tiġi żgurata flessibbiltà akbar għall-Istati Membri filwaqt li jitnaqqas il-piż amministrattiv. Fl-istess ħin, il-qafas ta' implimentazzjoni għandu jippermetti l-użu tal-aktar metodi ta' implimentazzjoni xierqa inkluż il-mudell tal-kost reali f'każijiet debitament ġustifikati. Barra minn hekk, aħna nirrakkomandaw li jitneħħew l-inkonsistenzi rigward l-obbligi ta' verifika tal-awtoritajiet tal-pjan, li, flimkien mad-definizzjoni wiesgħa ta' nuqqas serju ta' konformità, jgħolqu inċertezza dwar l-ambitu tal-kontrolli u l-awditi u jirriskjaw li jimminaw iċ-ċarezza tal-qafas ta' kontroll ġenerali.

Is-Slovakkja tirrispetta bis-sħiħ il-prinċipji tal-istat tad-dritt u l-Karta tad-Drittijiet Fundamentali u tibqa' impenjata għall-applikazzjoni konsistenti u oġġettiva tagħhom. Sabiex ikomplu jissaħħu ċ-ċertezza legali, il-prevedibbiltà, l-oġġettività u l-proporzjonalità, is-Slovakkja temmen li hija meħtieġa ħidma addizzjonali biex jiġu stabbiliti sorsi kredibbli, metodoloġiji ta' valutazzjoni u rabta diretta bejn il-ksur u l-ġestjoni finanzjarja tajba jew l-interessi finanzjarji tal-Unjoni. Dan għandu jinkludi dimensjoni preventiva b'saħħitha flimkien ma' enfasi msaħħa fuq id-djalogu biex jiġu rrimedjati n-nuqqasijiet, kif ukoll applikazzjoni stretta tal-prinċipju tal-proporzjonalità.

Għandha tingħata attenzjoni partikolari biex jiġu żgurati ċ-ċertezza legali u l-prevedibbiltà matul it-tranżizzjoni bejn il-perjodi ta' programmazzjoni tal-Politika Agrikola Komuni. Mill-perspettiva tas-Slovakkja, dan u elementi importanti oħra tal-PAK inkluż il-proposta għad-digressività u l-limiti massimi tal-pagamenti, għandhom jiġu indirizzati aktar. Għalhekk għandu jiġi identifikat approċċ xieraq li jirrifletti l-istrutturi differenti tal-azjendi agrikoli madwar l-UE u jissalvagwardja l-kontinwità tal-appoġġ, speċjalment fir-rigward tal-pagamenti diretti, li jibqgħu essenzjali għaż-żamma tal-vijabbiltà, ir-reżiljenza u l-kompetittività tal-bdiewa Ewropej u Slovakkji.

F'dan ir-rigward, is-Slovakkja tissottolinja l-importanza li jinżamm l-ispazju leġiżlattiv meħtieġ biex jiġi żgurat li l-arkitettura finali tal-qafas ġenerali tibqa' operazzjonali, internament konsistenti u tkun kapaċi tikseb l-oġettivi tagħha fil-prattika."

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA

"Dikjarazzjoni minn Spanja

Rigward l-approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-koeżjoni ekonomika, soċjali u territorjali kif ukoll għall-agrikoltura u l-qasam rurali, għas-sajd u l-affarijiet marittimi, għall-prosperità u għas-sigurtà għall-perjodu 2028-2034 ("Regolament PSNR")

Kunsill Affarijiet Ġenerali, 16 ta' Ġunju 2026

Spanja tapprezza l-ħidma mwettqa mill-Presidenza Ċiprijotta matul dawn l-aħħar xhur dwar il-proposta għal Regolament dwar il-Pjanijiet ta' Sħubija Nazzjonali u Reġjonali, u tirrikonoxxi l-progress li sar dwar aspetti differenti tal-fajl. Nixtiequ wkoll niringrazzjaw lill-Kummissjoni talli pprovdiet informazzjoni u organizzat seminars tekniċi biex tipprova tiċċara elementi speċifiċi tat-test.

Naffermaw mill-ġdid l-impenn tagħna li nkomplu naħdmu b'mod attiv mal-Presidenza Ċiprijotta u dik Irlandiża bl-għan ċar li nindirizzaw l-isfidi ppreżentati minn din il-proposta qabel tmiem is-sena.

Madankollu, ma nistgħux nappoġġaw it-test propost tar-Regolament dwar il-Pjanijiet Nazzjonali u Reġjonali.

Spanja hija impenjata bis-sħiħ u mingħajr dubju għall-proġett Ewropew u għall-implimentazzjoni xierqa tal-politiki u l-prioritajiet tiegħu. Madankollu, aħna nqisu li l-proposta għal fond uniku bbażat fuq pjanijiet nazzjonali u reġjonali tippreżenta sfidi strutturali, politiċi, tekniċi u ta' governanza għall-implimentazzjoni effettiva tiegħu.

F'dan l-istadju, għad hemm mistoqsijiet mhux solvuti dwar l-implimentazzjoni u l-aspetti prattiċi tal-proposta.

Kwalunkwe bidla fil-governanza fil-qasam tal-koeżjoni u l-PAK, bħala prinċipji fundaturi protetti mit-Trattati, trid tirrispetta l-bilanċ territorjali li jiddefinixxi l-Unjoni. Il-proposta għal pjani nazzjonali u reġjonali ddgħajjed dawn il-prinċipji u ma tagħtix prijorità jew tiggarrantixxi r-rwol tar-reġjuni jew l-insegwiment tal-iżvilupp ibbilanċjat tagħhom.

Il-proposta għal pjani nazzjonali u reġjonali toskura n-natura u l-għan speċifiċi tal-politiki Komunitarji differenti, billi ggħib flimkien prijoritajiet ta' investiment profondament eteroġenji f'mudell uniku ta' programmazzjoni u ġestjoni u taħt l-istess regoli rigward it-tfassil u l-implimentazzjoni.

Barra minn hekk, il-mudell kif ippreżentat iqajjem dubji serji dwar il-fattibbiltà Prattika tiegħu sa fejn jinjora r-realtà istituzzjonali, kostituzzjonali u amministrattiva tal-Istati Membri. L-Ewropa hija mibnija fuq firxa wiesgħa ta' sistemi ta' ġestjoni u proċeduri baġitarji li madankollu huma dejjem ibbażati fuq nefqa reali, verifikabbli u kkontrollata.

Il-proposta tal-Kummissjoni ma toffrix simplifikazzjoni, iżda pjuttost timponi piż amministrattiv addizzjonali li jirriżulta mis-sistema parallela ta' stadji importanti u miri li l-effiċjenza tagħhom ma ntwerietx. Hija toħloq inċertezza legali u finanzjarja, tagħmel l-ipprogrammar aktar diffiċli u tippenalizza lir-reġjuni b'inqas riżorsi u b'hekk il-qalba tal-politika ta' koeżjoni.

Il-proposta mhix ċara dwar ir-rwol tar-reġjuni u l-grad ta' awtonomija politika, amministrattiva u finanzjarja tagħhom f'mudell li jitbiegħed mid-distribuzzjoni tradizzjonali użata f'perjodi preċedenti. Din il-kwistjoni hija saħansitra aktar kumplessa f'pajjiżi fejn ir-reġjuni għandhom mandat kostituzzjonali biex jeżerċitaw b'mod awtonomu setgħat fundamentali relatati mal-ippjanar, l-implimentazzjoni u l-ġestjoni tal-politiki pubbliċi.

Ma nistgħux nappoġġaw proposta li tnaqqas is-setgħat tar-reġjuni tagħna. Hemm tħassib unanimu u kondiviż, kemm fil-gvern ċentrali kif ukoll fil-Komunitajiet Awtonomi, dwar l-implikazzjonijiet reali ta' dan il-mudell.

Għar-raġunijiet mogħtija hawn fuq, hemm riskju li l-mudell ikun sors ta' kumplessità, inċertezza u sfidi akbar ta' implimentazzjoni għall-Istati Membri.

Fir-rigward tal-politika agrikola komuni (PAK), ninsabu mħassba kemm dwar il-livelli ta' finanzjament proposti kif ukoll dwar il-mudell ta' governanza previst.

B'mod partikolari, il-possibbiltà li jiġu inklużi interventi ġodda, bħal investimenti fl-ipproċessar u l-kummerċjalizzazzjoni ta' prodotti agroalimentari u investimenti fil-forestrija jew fl-irrigazzjoni, li għandhom jiġu ffinanzjati minn fondi riżervati jew delimitati f'baġit tal-PAK li jkun ferm aktar baxx milli huwa bħalissa.

Għandna wkoll riżervi serji rigward il-miżuri tranżizzjonali proposti biex tingħata kontinwità fil-pagamenti u mal-Faċilità tal-UE, fejn il-bdiewa jiġu esklużi kemm mill-fond kif ukoll mir-riżerva għal kriżijiet li jirriżultaw minn diżastri naturali, li hija kwistjoni ta' tħassib kbir għas-settur agrikolu.

Aħna nqisu li l-kwistjonijiet tekniċi kollha relatati mal-PAK li huma inklużi fir-Regolament għandhom fi kwalunkwe każ jiġu diskussi b'mod parallel mal-bqija tal-leġislazzjoni tal-PAK.

Ser inkomplu naħdmu b'mod attiv u kostruttiv lejn proposta li tkun ambizzjuża fl-oġettivi tagħha iżda applikabbli wkoll fil-prattika, bl-għan ċar li naslu għal mudell li jggarantixxi r-rwol tar-reġjuni u jaħdem għall-Istati Membri kollha."

DIKJARAZZJONI MILL-IŻVEZJA

"L-Iżvezja tilqa' r-rabta aktar b'saħħitha li saret mas-semestru Ewropew u r-rakkomandazzjonijiet speċifiċi għall-pajjiż f'din il-parti tar-Regolament. L-Iżvezja tista' taċċetta l-approċċ ġenerali parzjali, iżda nżommu l-oġġezzjonijiet tagħna rigward il-formulazzjoni fl-ANNEX VI, il-punt b). L-Iżvezja tifhem li l-formulazzjoni tinvolvi l-fatt li l-fondi jistgħu jiġu allokati biex jiġu indirizzati l-privazzjoni materjali, permezz ta' ikel u/jew assistenza materjali bażika lill-persuni l-aktar fil-bżonn iżda li l-privazzjoni materjali tista' tiġi indirizzata b'mod ugwali permezz ta' miżuri ta' akkompanjament."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ESTONJA, IL-LATVJA U L-LITWANJA

"L-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jirrikonoxxu l-progress miksub matul in-negożjati dwar il-pakkett tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Aħna nibqgħu impenjati bis-sħiħ li nappoġġaw il-ħidma tal-Presidenza Ċiprijotta u dik Irlandiża biex jintlaħaq qbil din is-sena.

Madankollu, għad hemm tħassib importanti dwar sa liema punt il-qafas propost jirrifletti l-isfidi li jiffaċċaw ir-regġuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni Ewropea, b'mod partikolari dawk li jmissu mar-Russja u l-Belarusja.

Fit-18 ta' Frar 2026, il-Kummissjoni adottat il-Komunikazzjoni tagħha "Regġuni b'Saħħithom għal Ewropa Sikura", li tirrikonoxxi li r-regġuni NUTS2 li jmissu mar-Russja, il-Belarusja u l-Ukrajna jiffaċċaw sfidi speċifiċi ekonomiċi, demografiċi u ta' sigurtà li jirriżultaw mill-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna, it-theddid ibridu u l-ambjent ġeopolitiku li nbidel b'mod fundamentali u tiddikjara li "r-regġuni l-aktar affettwati mill-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora u minn riskji akbar ta' azzjonijiet militari konvenzjonali huma dawk fil-fruntiera esterna mar-Russja u l-Belarusja". L-indirizzar ta' dawn l-isfidi jsir għad-detriment tal-investimenti fit-tul fil-kompetittività, fl-innovazzjoni, fil-benesseri tas-soċjetà u fl-iżvilupp soċjoekonomiku sostenibbli. Il-Komunikazzjoni għustament tenfasizza li t-tisħiħ tar-reżiljenza u l-prosperità ta' dawn ir-regġuni huwa investment strateġiku fis-sigurtà u l-istabbiltà tal-Ewropa.

Filwaqt li r-referenzi għall-Komunikazzjoni u l-isfidi li jiffaċċaw ir-regġuni tal-fruntiera tal-Lvant ġew introdotti f'diversi proposti leġiżlattivi, id-dispożizzjonijiet korrispondenti għadhom ma jirriflettux biżżejjed l-iskala, il-persistenza u n-natura unika ta' dawn l-isfidi.

Il-ħtiġijiet u ċ-ċirkostanzi tar-regġuni tal-fruntiera tal-Lvant huma uniċi, u l-isfidi li jiffaċċaw ir-regġuni tal-fruntiera tal-Lvant fl-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jmorru lil hinn minn dak li jista' jiġi indirizzat b'mod raġonevoli permezz tal-baġits nazzjonali biss. Dawn ir-regġuni huma meħtieġa jassorbu l-kostijiet dejjem akbar tas-sigurtà, tar-reżiljenza u tal-preparatezza u l-impatt fuq il-popolazzjoni, filwaqt li fl-istess ħin jissalvagwardjaw il-vitalità ekonomika, il-koeżjoni soċjali u l-prospetti ta' żvilupp fit-tul tagħhom. Mingħajr rispons aktar b'saħħtu, dawn il-pressjonijiet jirriskjaw li japprofondixxu d-disparitajiet territorjali u jdgħajfu l-attraenza u l-kompetittività tar-regġuni li jinsabu fil-fruntiera esterna tal-Unjoni. F'dan il-kuntest, hemm importanza kbira li dawn l-isfidi jittaffew sew.

Għalhekk, inżommu l-pożizzjoni tagħna li r-regġuni li jmissu mar-Russja u l-Belarusja jeħtieġu viżibbiltà akbar fil-qafas leġiżlattiv futur, akkumpanjata minn appoġġ addizzjonali fil-livell tal-UE u appoġġ baġitarju adegwat taħt il-Qafas Finanzjarju Pluriennali. Qafas li jirrikonoxxi dawn l-isfidi mingħajr ma jipprovdi rispons proporzjonat jirriskja li ma jilħaqx l-oġettivi strateġiċi tal-Unjoni.

L-Istati Baltiċi jibqgħu fost l-Istati Membri li jirċievu l-inqas ammonti delimitati proposti għal kull ettaru. Minħabba l-isfidi u l-ħtiġijiet ta' investimenti addizzjonali biex jissaħħu s-sigurtà u r-reżiljenza tar-regġuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE, il-konverġenza esterna kontinwa tal-pagamenti diretti tibqa' importanti biex jiġu żgurati s-sigurtà tal-ikel u r-reżiljenza tar-regġuni tagħna. Din il-kwistjoni għandha tiġi indirizzata skont dan."

Għal dawn ir-raġunijiet, l-Estonja, il-Latvja u l-Litwanja jqisu li hija meħtieġa aktar ħidma biex jiġi żgurat li l-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss jagħti rispons aktar ibbilanċjat u kredibbli għar-realtajiet li jiffaċċaw ir-regġuni li jmissu mar-Russja u l-Belarusja.

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-UNGERIJA, IL-BULGARIJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA U R-RUMANIJA

"L-Ungerija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija jirrikonoxxu l-ħidma li saret mill-Presidenza Ċiprijotta dwar ir-Regolament PSNR.

L-Ungerija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija jemmnu li minkejja li ntlaħaq l-approċċ ġenerali parzjali dwar ir-Regolament PSNR, il-prinċipju ta' "mhu miftiehem xejn sakemm ikun miftiehem kollox" għadu validu, speċjalment minħabba l-fatt li r-Regolament PSNR għandu interkonnessjonijiet ovvi u b'saħħithom fost l-oħrajn mar-regolamenti tal-PAK ta' wara l-2027, fejn l-adozzjoni tal-approċċ ġenerali ser teħtieġ aktar żmien u ser tintlaħaq biss aktar tard.

Għalhekk l-Ungerija, il-Bulgarija, ir-Repubblika Ċeka u r-Rumanija jissottolinjaw li l-approvazzjoni futura tal-approċċ ġenerali dwar ir-regolamenti tal-PAK tista' tirrikjedi bidliet fl-artikoli relatati mal-PAK li jinsabu fir-Regolament PSNR u jippreservaw id-dritt li dan jinbeda."

Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034

Dwar il-punt "B" 4 b):

- b) Regolament li jistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), inkluż programm speċifiku għar-riċerka u l-innovazzjoni fil-qasam tad-difiża
Approċċ ġenerali parzjali

DIKJARAZZJONI MILL-AWSTRIJA

"L-Awstrija tirrikonoxxi li kull stat huwa liberu li jagħżel it-taħlita tal-enerġija tiegħu stess, bħala kwistjoni ta' kompetenza nazzjonali. Madankollu, l-Awstrija ssostni li l-enerġija nukleari la hija teknoloġija sostenibbli, la hija ekonomikament vijabbli u lanqas ma hi sikura għall-futur tal-Ewropa. Fil-fehma tal-Awstrija, ir-riżorsi mill-baġit tal-Unjoni ma għandhomx jintużaw għal investimenti fl-enerġija nukleari, inkluż il-kostruzzjoni ta' impjanti tal-enerġija nukleari ġodda, l-estensjonijiet tal-ħajja għal faċilitajiet eżistenti jew id-dekummissjonar ta' installazzjonijiet nukleari.

L-Awstrija tibqa' lesta li tkompli bin-negozjati u tappoġġa l-approċċ ġenerali parzjali dwar il-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK), bil-fehim li l-Fond la ser jippromwovi u lanqas jiffinanzja l-kostruzzjoni jew id-dekummissjonar ta' impjanti tal-enerġija nukleari."

DIKJARAZZJONI MIS-SLOVAKKJA

"Is-Slovakkja tappoġġa bis-sħiħ l-oġġettivi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività biex tiġi sfruttata s-saħħa tar-riċerka u l-innovazzjoni Ewropej biex tissaħħaħ il-kompetittività tal-industrija Ewropea. F'dan ir-rigward, il-Fond Ewropew għall-Kompetittività huwa strument ewlieni għall-perjodu ta' programmazzjoni li jmiss. Is-Slovakkja tirrikonoxxi wkoll il-progress miksub matul in-negozjati u tappoġġa l-isforzi sostnuti biex jiġu żviluppati regoli aktar sempliċi, realistiki u fattibbli li kapaċi jwasslu għal bidla pożittiva madwar l-Unjoni filwaqt li jiġi żgurat li l-Fond jikkontribwixxi għall-kompetittività b'mod ġenwinament Ewropew u inklużiv.

Is-Slovakkja taqbel li l-eċċellenza għandha tibqa' l-prinċipju ewlieni tal-Fond. Madankollu, l-eċċellenza għandha tiġi kkomplementata minn kriterji u salvagwardji li jiżguraw parteċipazzjoni wiesgħa, jippromwovu d-disseminazzjoni tal-eċċellenza madwar l-Unjoni u jappoġġaw l-iżvilupp ta' ktajjen tal-valur Ewropej diversifikati u reżiljenti. Is-Slovakkja tibqa' mħassba li t-test attwali ma jindirizzax biżżejjed l-aċċess inklużiv għall-opportunitajiet ta' finanzjament għan-negozji mill-Istati Membri kollha, u lanqas ma jipprovdi qafas suffiċjenti biex jiġi sfruttat il-potenzjal sħiħ tal-innovazzjoni, l-għarfien espert u l-kapaċitajiet ta' produzzjoni tal-Ewropa. Mingħajr dispożizzjonijiet aktar ċari f'dan ir-rigward, hemm riskju li l-Fond primarjament ser ikun ta' benefiċċju għal ekosistemi diġà stabbiliti sew u jkompli jwessa' d-distakk fil-kompetittività bejn Stati Membri differenti. Il-bilanċ bejn l-eċċellenza, il-kompetittività u l-parteċipazzjoni wiesgħa għandu għalhekk jissaħħaħ aktar.

Is-Slovakkja tirrikonoxxi l-ħtieġa li n-negozjati dwar il-proposta jiġu avvanzati bil-ħsieb tal-adozzjoni f'waqtha tagħha flimkien mal-Parlament Ewropew. Is-Slovakkja tinsab lesta li tkompli tinvolvi ruħha b'mod kostruttiv fl-istadji li jmiss tal-proċess leġiżlattiv bl-għan li jinkiseb Fond Ewropew għall-Kompetittività aktar ibbilanċjat, inklużiv u effettiv."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-ESTONJA, IL-LATVJA, IL-LITWANJA U L-POLONJA

"Nappoġġaw l-oġġettivi tal-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK) bl-ambizzjoni li jissaħħu r-reżiljenza, is-sigurtà u l-kompetittività madwar l-Unjoni. Fl-istess waqt, inqisu li l-Fond għandu jitthejja b'mod adegwat biex iwieġeb għar-realtajiet tas-sigurtà u dawk ekonomiċi li qed jevolvu fl-Unjoni.

Il-kuntest ġeopolitiku, b'mod partikolari il-gwerra ta' aggressjoni fuq skala sħiħa tar-Russja kontra l-Ukrajna u l-attakki ibridi persistenti madwar l-Unjoni, urew li n-networks tal-enerġija u tal-komunikazzjoni huma komponenti essenzjali tal-arkitettura tal-kompetittività u tas-sigurtà tal-Ewropa. Inċidenti reċenti partikolarment fl-Istati Membri mal-fruntiera tal-Lvant tal-Unjoni kixfu wkoll vulnerabbiltajiet fl-infrastruttura kritika u fil-ktajjen tal-provvista, li ssottolinjaw l-ħtieġa għal appoġġ Ewropew b'saħħtu għat-tħejjija, il-kapaċitajiet ta' rkupru u r-riżervi strateġiċi. B'mod aktar wiesgħa, l-ambjent tas-sigurtà li qed jiddeterjora jaffettwa wkoll r-reżiljenza ekonomika u l-kompetittività billi jżid ir-riskji għall-investment, jgħolli l-kostijiet tal-finanzjament u jdgħajjef il-prospetti tat-tkabbir fir-reġjuni l-aktar esposti għat-theddid tas-sigurtà u dawk militari, kif issottolinjat fil-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni dwar ir-reġjuni tal-Lvant tal-UE li jmissu mar-Russja, il-Belarusja u l-Ukrajna (COM (2026) 82) u nnota debitament fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tad-19 ta' Marzu 2026.

F'dan l-isfond, nqisu li huwa importanti li l-qafas tal-FEK:

1. għandu jipprovdi rikonoxximent aktar ċar u aktar operazzjonali tal-infrastruttura kritika;
2. għandu jirrifletti b'mod adegwat il-parti operattiva tar-Regolament sitwazzjonijiet ta' investiment subottimali xprunati minn riskji ġeopolitiċi persistenti, b'mod partikolari fir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE li jiffaċċjaw primjums tar-riskju strutturalment oġġla u kundizzjonijiet ta' investiment aktar dgħajfa;
3. għandu jirrikonoxxi b'mod xieraq ir-reġjuni esposti għal pressjoni ġeopolitika fit-tul, inkluż ir-reġjuni tal-fruntiera tal-Lvant tal-UE, flimkien ma' territorji oħra żvantaġġati strutturalment.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, nistgħu, f'dan l-istadju, nappoġġaw l-Approċċ Ġenerali Parzjali għall-FEK, bl-aspettattiva ċara li l-elementi ewlenin ta' hawn fuq ser jiġu riflessi kif xieraq fit-test ta' kompromess finali."

DIKJARAZZJONI KONĠUNTA MILL-BULGARIJA, IL-KROAZJA, IR-REPUBBLIKA ĊEKA, L-UNGERIJA U S-SLOVENJA

"Il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovenja jirrikonoxxu l-importanza tat-tisħiħ tal-kompetittività tal-industrija, ir-riċerka u l-innovazzjoni Ewropea u jilqgħu l-oġġettivi tal-proposta li tistabbilixxi l-Fond Ewropew għall-Kompetittività (FEK).

Fl-istess ħin, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovenja jqisu li l-abbozz ta' Regolament attwali għadu ma jipprovdi biżżejjed prevedibbiltà fir-rigward tal-mekkaniżmi li jiżguraw it-twettiq effettiv ta' viżjoni biex jiġu mobilizzati u konnessi l-kapaċitajiet komplementari, l-infrastrutturi, l-għarfien espert u l-ekosistemi tal-innovazzjoni fl-Istati Membri kollha, biex b'hekk l-Unjoni tkun tista' tisfrutta bis-sħiħ il-potenzjal kollettiv tagħha.

Madankollu, il-Bulgarija, il-Kroazja, ir-Repubblika Ċeka, l-Ungerija u s-Slovenja jirrikonoxxu l-ħtieġa li javvanzaw in-negozjati dwar il-FEK bil-ħsieb tal-adozzjoni f'waqtha tiegħu flimkien mal-Parlament Ewropew u għalhekk jappoġġaw l-Approċċ Ġenerali Parzjali bħala pass importanti f'dan il-proċess. Dan l-appoġġ jingħata bil-fehim li aktar ħidma fuq il-modalitajiet ta' implimentazzjoni tal-Fond ser tkompli matul l-istadji sussegwenti tan-negozjati."

Dwar il-punt "B"

4 c):

Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2028-2034

c) Regolament li jistabbilixxi l-Ewropa Globali

Approċċ ġenerali parzjali

DIKJARAZZJONI MILL-BULGARIJA

"Ir-Repubblika tal-Bulgarija tagħti importanza kbira lill-promozzjoni u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem. Il-pajjiż huwa, u ser jibqa', iddedikat fl-impenn tiegħu għad-drittijiet tal-bniedem.

Fl-istess ħin, u mingħajr preġudizzju għall-appoġġ tagħha għat-test ta' compromess tal-Approċċ Ġenerali Parzjali, il-Bulgarija ttenni l-pożizzjoni nazzjonali tagħha rigward xi elementi, inkluż fir-Regolament propost li jistabbilixxi l-"Ewropa Globali":

Fl-2018, il-Qorti Kostituzzjonali Bulgara adottat deċiżjoni li tiddikjara li l-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda Kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-"Konvenzjoni ta' Istanbul") tippromwovi kunċetti legali relatati mal-idea ta' "ġeneru" li mhumiex kompatibbli mal-prinċipji ewlenin tal-Kostituzzjoni Bulgara. Kwalunkwe referenza għall-Konvenzjoni tal-Kunsill tal-Ewropa dwar il-Prevenzjoni u l-Ġlieda kontra l-Vjolenza fuq in-Nisa u l-Vjolenza Domestika (il-Konvenzjoni ta' Istanbul) mhux ser tkun applikabbli fir-rigward tar-Repubblika tal-Bulgarija f'konformità mas-Sentenza Nru 13/2018 tal-Qorti Kostituzzjonali. Għall-istess raġunijiet, il-Bulgarija tafferma mill-ġdid il-pożizzjoni tagħha dwar il-Pjan ta' Azzjoni Globali tal-UE għall-Ugwaljanza bejn il-Ġeneri u għat-Tishiĥ tal-Pożizzjoni tan-Nisa fl-Azzjoni Esterna (GAP III) u ma tqisx lilha nnifisha marbuta bl-applikazzjoni tiegħu.

Fid-dawl ta' dan ta' hawn fuq, ir-Repubblika tal-Bulgarija taċċetta li t-terminu "ġeneru" ("пол") jirreferi għaż-żewġ sessi bijoloġikament definiti "raġel/mara".

DIKJARAZZJONI MINN SPANJA

"Fir-rigward tal-premessa 58 tal-proposta għal Regolament li jistabbilixxi l-Ewropa Globali, Spanja tagħmel id-dikjarazzjoni li ġejja, u titlob lis-Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill jinkludiha fil-minuti tal-laqgħa tal-Kunsill Affarjiet Ġenerali tas-16 ta' Ġunju 2026.

Spanja temmen bis-sħiħ li approċċ ibbażat fuq id-drittijiet tal-bniedem għall-migrazzjoni jrawwem l-integrazzjoni u l-koeżjoni soċjali, u b'hekk isahha il-valuri Ewropej u jkun ta' benefiċċju għas-soċjetà kollha kemm hi.

Spanja tibqa' impenjata fil-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni ta' dħul klandestin ta' migranti u l-organizzazzjonijiet kriminali involuti fit-traffikar tal-bnedmin. Spanja ser tkompli tħeġġeġ id-djalogu mal-pajjiżi ta' oriġini u ta' tranżitu bħala l-aħjar strateġija u l-aktar waħda effettiva.

Filwaqt li r-Regolament kien qed jiġi nnegożjat, aħna opponejna b'mod konsistenti l-inklużjoni tat-terminu "soluzzjonijiet innovattivi". Sfortunatament, it-terminu għadu jidher fil-premessi tat-test, u dan huwa inaċċettabbli għal Spanja.

Aħna ser inressqu l-argumenti li ġejjin:

Formalment, din il-lingwa qatt ma ntużat fil-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew jew fil-leġiżlazzjoni Komunitarja. B'mod partikolari, it-terminu "soluzzjonijiet innovattivi" ma jintuża la fir-Regolament dwar ir-Ritorn, u lanqas fir-Regolament dwar Pajjiżi Terzi Siguri jew fir-Regolament dwar il-lista ta' pajjiżi ta' oriġini bla periklu. Aħna nsibuha estremament problematika li leġiżlazzjoni orizzontali bħar-Regolament Finanzjarju tinkludi referenza għal dawn is-"soluzzjonijiet innovattivi" meta ma tkun saret l-ebda referenza bħal din fl-oqsma settorjali li fihom kellha tiġi rikonoxxuta minn qabel.

Huwa preċiżament għal din ir-raġuni li s-Servizz Legali tal-Kunsill indika l-"indeterminazzjoni legali" ta' din l-espressjoni f'diversi okkażjonijiet. Minbarra l-argument legali, hemm ukoll argumenti relatati mal-finanzi u ċ-ċertezza legali: il-possibbiltà li tiġi ffinanzjata inċertezza legali tiftaħ il-bieb għall-arbitrarjetà.

Il-premessa 58 issostni li: "Jenħtieġ li l-azzjonijiet kollha relatati mal-migrazzjoni taħt l-Istrument jiġu implimentati b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali, inkluż id-dritt internazzjonali dwar id-drittijiet tal-bniedem, id-dritt umanitarju internazzjonali u l-liġi dwar ir-refuġjati, u l-kompetenzi tal-Unjoni u dawk nazzjonali." Din il-formulazzjoni hija riflessa fil-parti operattiva, speċifikament fl-Artikolu 12(2): "Dawk l-azzjonijiet għandhom jiġu implimentati b'rispett sħiħ għad-dritt internazzjonali, inklużi d-drittijiet tal-bniedem internazzjonali u l-liġi dwar ir-refuġjati, il-kompetenzi tal-Unjoni u dawk nazzjonali." Abbażi ta' dik id-dispożizzjoni, aħna nqisu li ċ-"ċentri ta' ritorn" ma jaqgħux fl-ambitu tas-"soluzzjonijiet innovattivi" msemmija f'dik l-istess premessa u, għalhekk, li dawn iċ-ċentri ma jistgħux jiġu ffinanzjati b'fondi mill-istrument Ewropa Globali.

Il-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea għadha ma ddeċidietx dwar il-kwistjoni tal-post possibbli taċ-ċentri ta' detenzjoni esterni. Madankollu, fl-opinjoni tagħha tal-4 ta' Ġunju 2026, l-Avukat Ġenerali Laila Medina tqis li l-post taċ-ċentri huwa kompetenza mhux armonizzata tal-Istat u tindika li r-raġunijiet għad-detenzjoni u, fuq kollox, il-garanziji huma kompletament armonizzati mid-dritt tal-UE u li l-Istat Membru responsabbli jrid ikun jista' jigggarantihom (C-706/25 u C-707/25).

Il-garanzija tad-drittijiet tal-applikanti għall-ażil barra mit-territorju tal-UE, li jkollhom l-assistenza legali meħtieġa u li jkollhom aċċess effettiv għar-riżorsi, inkluż l-aċċess għall-ġustizzja, tinvolvi spiża sproporzjonata li hija projbittiva f'termini ta' sostenibbiltà u diliġenza baġitarja dovuta. Agħar minn hekk, dik il-pressjoni fuq il-baġit fl-aħħar mill-aħħar ma tiggarrantixxix dawk id-drittijiet, minħabba li l-istati qed jesternalizzaw ir-responsabbiltà tagħhom biex jiffaċilitaw it-tneħħija, u dan jagħmilha aktar diffiċli li jiġu żgurati d-drittijiet u l-garanziji kollha.

Minbarra l-kunsiderazzjonijiet legali u baġitarji, ma nistgħux ninjoraw l-aspett politiku u tar-relazzjonijiet esterni. Dawn iċ-ċentri, kif uriet il-prattika reċenti, jiġġeneraw oppożizzjoni enormi fis-soċjetajiet ospitanti, u l-gvernijiet li jxaqilbu lejn pożizzjonijiet estremi jistgħu jieħdu vantaġġ minn dan fuq livell politiku, billi jitbiegħdu aktar mill-Unjoni Ewropea u b'hekk idgħajfu l-pożizzjoni tagħha fid-dinja u r-relazzjonijiet essenzjali tagħha ma' pajjiżi terzi.

L-istati tal-ewwel dħul, li jinkludu lil Spanja, ilhom jibnu relazzjonijiet diplomatiċi fit-tul ta' fiduċja ma' pajjiżi terzi abbażi tal-ugwaljanza u l-kooperazzjoni, u dawn qed jagħtu riżultati pożittivi. L-istabbiliment u l-finanzjament ta' dawn iċ-ċentri mill-Unjoni Ewropea mhux biss joħolqu problema serja għall-immagħni tagħna, iżda jistgħu jipperikolaw l-arkitettura għall-infurzar tal-liġi jew il-kooperazzjoni diplomatika li qattajna għexieren ta' snin nibnu."

DIKJARAZZJONI MILL-PORTUGALL

"Il-Portugall jappoġġa bis-sħiħ programm Ewropa Globali b'saħħtu, li huwa strument ewlieni għall-promozzjoni tal-valuri, il-prinċipji u l-interessi tal-Unjoni madwar id-dinja.

Għalhekk nemmnu li r-riżorsi limitati tal-Unjoni għandhom ikunu ffukati fuq miżuri ta' appoġġ li huma effettivi, kunsenswali u li għandhom l-akbar impatt possibbli.

Filwaqt li jqis daww il-prinċipji, il-Portugall għad għandu xi riżervi rigward ir-referenza għal "soluzzjonijiet innovattivi" fil-proposta Ewropa Globali.

Barra minn hekk, din it-terminoloġija ma tikkorrispondix mal-lingwa stabbilita tal-Kunsill Ewropew, b'mod partikolari dwar il-migrazzjoni, u t-tifsira u l-implikazzjonijiet preċiżi tagħha ma humiex ċari biżżejjed.

Madankollu, fi spirtu ta' kompromess, u minħabba l-importanza tal-programm Ewropa Globali, il-bilanċ ġenerali tal-pakkett u l-progress miksub matul in-negozjati, il-Portugall ser jappoġġa l-adozzjoni tat-test u jitlob li l-pożizzjoni tiegħu tiġi rreġistrata fil-minuti."